

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1897**tal-21 ta' Ottubru 2015****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2056/2001 fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ stabbilixxa bħala wieħed mill-għanijiet tiegħu l-eliminazzjoni gradwali tal-iskartar permezz tal-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal qabdiet ta' speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid. Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2056/2001 ⁽³⁾ li jstabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta' merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Punent tal-Iskozja jobbligaw lis-sajjieda jiskartaw il-ħut. Sabiex jitneħħew l-inkompatibiltajiet bejn dak ir-Regolament u l-obbligu ta' ħatt l-art, u biex l-obbligu ta' ħatt l-art isir operazzjonali, daww id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu emendati.
- (2) B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, ir-Regolament (KE) Nru 2056/2001 għandu jiġi emendat billi jirrikjedi li l-qabdiet mhux intenzjonati kollha ta' organiżmi tal-baħar ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art u li jinqabdu b'eċċess tal-limiti tal-kompożizzjoni tal-qabda għandhom jinħattu l-art, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.
- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2056/2001 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt 3 li ġej:

"3. 'qabdiet mhux intenzjonati' tfisser qabdiet incidentalni ta' organiżmi tal-baħar li, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(*), għandhom jinħattu l-art, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti, jew għax ikunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew inkella għax jaqbzū l-kwantitajiet permessi skont ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabda u dwar il-qabdiet incidentalni.

^(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22)."

- (2) Jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a

Fejn organiżmi tal-baħar ta' speċi soġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art jinqabdu b'eċċess tal-perċentwali jew tal-kwantitajiet permessi speċifikati fl-Artikolu 4(1), sa (6), fl-Artikolu (5)2, fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, għandu japplika l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Daww il-qabdiet mhux intenzjonati għandhom jinħattu l-art, jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti. Qabdiet mhux intenzjonati ta' dan it-tip m'għandhomx jitqiesu bħala li jirrappreżentaw ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-perċentwali permessi tal-kompożizzjoni tal-qabda speċifikati f'daww l-Artikoli."

⁽¹⁾ ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2056/2001 tad-19 ta' Ottubru 2001 li jstabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta' merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Punent tal-Iskozja (ĠU L 277, 20.10.2001, p. 13).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
